MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 227/2013

**A B nee' C u permezz ta' digriet tat-12 ta' Novembru 2013 giet nominata kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta lill-minuri D E F**

**vs**

**L-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li permezz tad-digriet tat-12 ta' Dicembru 2013 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti AbdEhaq E F; G B;**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

“Illi r-rikorrenti u l-intimat AbdEhaq E F huma legalment isseparati u dan ai termini a' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, li ggib Citazzjoni Numru 360/2011 datata d-29 ta' Novembru, tas-sena 2012 liema sentenza llum il-gurnata hija res judicata;

Illi nhar it-13 ta' Novembru tas-sena 2010 twiEed il-minuri D E F u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat tat-twEid;

Illi ghalkemm fiz-zmien tat-twEid ta' l-imsemmi minuri kif ukoll fiz-zmien tal-koncepiment ta' l-istess minuri, r-rikorrenti u l-intimat AbdEhaq E F kienu ghadhom legalment mizzewgin, il-partijiet kienu diga' separati de facto u kienu jghixu separatament u ghalhekk ma tezisti ebda possibilita' li l-minuri huwa l-wild naturali ta' l-istess intimat AbdEhaq E F tant li l-istess imsemmi AbdEhaq E F kien abbanduna d-dar matrimonjali diversi snin qabE ma giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni msemmija aktar 'il fuq u kien jghix barra minn Malta kif wara kollox jirrizulta mill-istess sentenza;

Illi fil-fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-minuri D E F mhux ii-wild naturali ta' l-intimat AbdEhaq E F. Huwa proprju minhabba l-prezunzjoni legali li tohrog mill-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li c-certlfikat tat-twEid jidentifika lill-intimat AbdEhaq E F bhala l-missier naturali u xejn aktar;

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet ukoll li l-minuri D E F huwa l-wild naturali ta' 1-intimat l-iehor G B li dak iz-zmien kElu rEazzjoni mar-rikorrenti, liema rEazzjoni ghadha fis-sehh;

Illi r-rikorrenti tixtieq li c-certifikat ta' binha jkun jirrispekkja l-verita' tac-cirkustanzi cioe' illi l-missier naturali tal-minuri huwa G B u mhux AbdEhaq E F;

Illi ghalhekk jehtieg li c-certifikat tat-twEid tal-minuri jigi emendat b'tali mod li juri li 1-intimat huwa l-missier naturali ta' l-istess minuri;

Illi huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li c-certifikat tat-twEid tieghu jkun jirrispekkja r-realta' u min verament huwa missieru;

Illi ghal kull buon fini, r-rikorrenti tiddikjara li hija lesta li tissottometti ruhha kif ukoll lill-minuri D ghial dawk it-testijiet genetici necessarji li permezz taghhom tista' tigi eskluza l-possibilita' li l-intimat AbdEhaq E F huwa l-missier naturali tal-minuri ghalkemm fic-cirkustanzi ma thossx li hemm bzonn;

Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata tintavola l-kawza odjerna permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat;

Jghidu ghalhekk l-intimati glialiex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

(1) Tiddikjara li l-minuri D E F mhux illwild naturali ta' l-intimat AbdEhaq E F u li l-istess intimat m'huwiex il-missier naturali ta' l-istess minuri;

(2) Tiddikjara li l-minuri D E F huwa l-wild naturali ta' l-intimat G B u li l-istess intimat huwa l-missier naturali ta' l-istess minuri;

(3) Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twEid ta' l-imsemmi minuri D EI F mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem "AbdEhaq E F", in-numru tal-karta ta' l-identita' rispettiva ta' l-intimat li ggib in-numru 59105(L), il-professjoni jew is-senglia ta' l-istess intimat, l-eta', il-post tat-twEid u residenza ta' l-intimat kif ukoll isem u kunjom missier l-intimat, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u minflok jigu sostwiti bid-dettalji ta' l-intimat l-iehor G B u cioe', billi fil-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier jigi inserit il-kliem "G B", in-numru tal-karta ta' l-identita' rispettiva tieghu li ggib in-numru 0047467(A), il-professjoni jew is-sengha ta' l-istess intimat, l-eta', il-post tat-twEid u residenza ta' l-intimat kif ukoll isem u kunjom missier l-intimat G B, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra li tkun mehtiega f'kull att iehor rEattiv u sussegwenti fosthom fil-passaport tal-minuri;

(4) Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ibiddE il-kunjom tal-minuri minn dak prezenti cioe' 'E F' ghal dak "B" biex jirrispekkja kunjom il-missier naturali;

Bl-ispejjez kontra l-intimati AbdEhaq E F u G Mummini li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Novembru 2013 li permezz tieghu innominat lill-attrici bhala kuratrici ad litem ta’ binha minuri D E F.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Dicembru 2013 li permezz tieghu innominat kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti AbdEhaq E F.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fit-13 ta’ Marzu 2014 li permezz taghha eccepixxa:-

“Jesponi bir-rispett u bil-gurarnent tieghu jiddikjara u jikkonferma dan li gej:

1. Illi prEiminarjament jigi rEevat li ghalkemm jidher li inghatat l-awtorizzazzjoni sabiex tigi intavolata l-kawza odjerna ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif hemm Eenkat fil-lista tad-dokumenti bhala DOK “CF3" fir-rikors gurarnentat ipprezentat mir-rikorrenti stess, l-esponent ghadu ma' giex notifikat b'dan id-dokument u allura jirriserva li jeccepixxi ulterjorment fuq dan il-punt jekk ikun il-kaz hekk kif jigi notifikat bl-istess.

2. Illi dejjem in vena prEiminari, l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri D EI F, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 770 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabE it-twEid tal-minuri D E F, kienet wettqet adulterju ma' l-intimat G B u barra minn hekk tipprova xi fatt

iehor li jista wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lill-G B bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri D E F, u dan ai termini tal-artikoli 778 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal-premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincenternent turi li l-pussess ta' stat tal-minuri D E F ma jaqbilx mal-att tat-twEid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 146 tas-sena 2011;

5. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess G B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta tieghu meta twiEed il-minuri D E F, (4) il-post tat-twEid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twiEed l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twiEed it-tifE D EI F. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-TwEid tal-fuq riferit D E F;

6. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti wkoll li l-kEmiet 'the said' li jinsabu qabE isem AbdEhaq E F, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiEa fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancElati mill-Att tat-TwEid bin-numru tar-registrazzjoni 146 tas-sena 2011;

7. Illi finalment dejjem rninghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti pprezentata fit-13 ta' Marzu 2014 li permezz taghha iddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Permezz ta' digriet moghti fl-1 ta' Ottubru 2013 din il-Qorti awtorizzat lill-attrici tipprocedi b'kawza ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 liema kawza giet intavolata fis-29 ta' Ottubru 2013.

L-attrici resqet ix-xhieda taghha bil-mezz tal-affidavit. Spjegat illi hija u l-konvenut l-assenti G B izzewgu fis-27 ta' Lulju 1996. Minn dan iz-zwieg kElhom tifE, Josef, li llum ghandu hdax-il sena. Minn ftit snin wara z-zwieg tfaccaw problemi bejniethom peress li skond l-attrici zewgha beda johrog ma' shabu u jixrob izzejjed u kien ukoll qabad il-vizzju tal-loghob. Spiss kien beda jidhol fis-sieghat ta' filghodu fis-sakra wara lejl jixrob. Zewgha hareg mid-dar fi Frar 2008 u ma regax irritorna.

Minn tEefonata li kien ghamE lit-tifE xi ftit taz-zmien wara kienet saret taf li zewgha siefer minn Malta u ma tafx fejn jinstab.

Tghid illi xi tmien xhur wara li sseparaw de facto, hija iltaqet mal-konvenut G Bu u sena wara bdew jghixu flimkien. Fi Frar 2010 harget tqila u wEdet lill-minuri G fit-13 ta' Novembru 2010. Spjegat li hi u l-konvenut G ghadhom jghixu flimkien. Tghid hekk:-

"Jien u G ghadna flimkien sal-gurnata tal-lum tant li llum mizzewgin pero' nghid li mera-gejna biex nirregistraw lil D bhala ibni u bhala iben G B, gejt mgharrfa min-naha tad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku li peress li legalment kont ghadni mizzewga lil AbdEhaq E F, D ma setax jigi mnizzE bhala 'B'. Ghalhekk, ghalkemm kemm jien u kemm G konna nafu li D huwa iben G B, gie mnizzE bhala iben AbdEhaq E F."
"Naghlaq billi nghid li fi Frar 2014, jien u AbdEhaq ghalaqna hames snin mifrudin minn xulxin (fizikament) u qtajna kull kuntatt bejnietna. Illum nghix mar-ragE tieghi G B u nixtieq li c-ceritifikat tat-twEid ta' D EI F jinbidE ghal D B biex b'hekk, ic-certifikat tieghu ikun jirrifletti l-verita' u cioe' li G B huwa missieru naturali u mhux AbdEhaq EI F. Niddikjara

wkoilli minn mindu ltqajt ma' G B, ma kEli rEazzjonijiet intimi ma' hadd aktar hlief ma' G B u ghalhekk m'hemm ebda possibilita' li D mhux it-tifE naturali ta' G B.”

Ix-xhieda tal-konvenut G B tikkonferma t-testimonja tal-attrici:-

“I met A way back in November 2008. We met regularly and nearly after a year we started living together. In February 2010 A became pregnant with my son D who was born on the 13th November 2010. UnfortunatEy, although D is definitEy my son he was registered as the son of AbdEhaq EI F, A's ex-husband who at the time was still legally married to her. In fact, they were legally separated in November 2012.

I have no doubts that D is my son, because A was living with me at the time of his conception, I was present throughout the whole pregnancy and was even present at his birth and 1m positive that A was never unfaithful to me. We are now married and living together with our son and her son from her previous marriage with AbdEhaq and it is my wish that D's birth certificate reflects the truth, that is, that I will be listed down as his natural father insted of AbdEhaq E F.”

L-attrici resqet bhala xhieda lil Christopher C u lil Dr Marisa Cassar, ta’ l-ewwE li pprEeva l-kampjuni minn fuq l-attrici, l-minuri u l-konenut B, u tat-tieni li kkonduciet it-testijiet tad-DNA.

Permezz ta’ rapport datat 30 ta’ April 2014 Dr Marisa Cassar iccertifikat illi skond it-testijiet tad-DNA il-konvenut G B huwa l-missier naturali tal-minuri D.

**Konsiderazzjonjiet Legali**.

Il-provvedimenti legali li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna huma:

**Artikolu 77A tal-Kapitolu 16** :

*"kull min jghid li huwa l-missier naturali ta' tifE mwiEed fiz-zwieg, jew il-werrieta tieghu, jekk huwa jkun miet qabE ma jitwiEed it-tifE, jista jmexxi b'rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-mara, ir-ragE u t-tifE, jew il-werrieta rispettivi taghhom jekk xi hadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tifE u dan jekk kemm–il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabE it-twEid tat-tifE il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista; wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragE taghha bhala l-missier naturali tat-tifE."*

**Artikolu 77B j**ipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabE dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragE taghha, il-missier naturali u t-tifE taghha imwiEed fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabE it-twEid tat-tifE hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifE u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifE.'*

**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16**:-

*"F'kazijiet ta' dikjarazzjoni ta' paternita' il-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifE imwiEed fiz-zwieg, jew il mara skont il-kaz, jistghu jipproocedu b'kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita jekk huma jressqu r-rikors guramentat taghhom fi zmien sitt xhur mit-twEid tat-tifE:*

*Izda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tista' wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifE imwiEed fiz-zwieg jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara lt tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifE, f'kull*

*zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifE imwiEed fiz-zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B"*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Kif rajna l-kawza odjerna giet intavolata wara li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap. 16

Mill-provi akwiziti ma hemmx dubju illi l-minuri trabba sa mit-twEid tieghu bhala iben il-konvenut B nonostante li fic-certifikat tat-twEid tieghu hemm indikat isem l-ewwE ragE tal-attrici. Jirrizulta ghalhekk illi l-minuri jipposjedi stat li huwa iben B.

Fir-rigward tal-prova xjentifika ghandu jinghad illi tali prova tnehhi kwalunkwe dubju li l-konvenut B huwa effettivament missier il-minuri. L-attrici ressqet l-ahjar prova li turi illi l-minuri hu iben il-konvenut Ibrahom B.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur , tilqa' t-talbiet attrici:-

1. Tiddikjara li l-minuri D E F ma hux il-wild naturali tal-konvenut AbdEhaq E F izda huwa l-wild naturali tal-konvenut G B.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twEid tal-minuri jikkancEla isem il-konvenut E F u l-konnotati kollha tieghu u minflok inizzE isem il-konvenut G B u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw minn fol. 60 tal-process.

3. Tordna li minn fuq l-att tat-twEid tal-minuri jigu kancElati l-kliem "the said".

4. Tordna illi fuq l-att tat-twEid jitnizzE illi l-minuri jkun maghruf bil-kunjom “B”.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut G B in solidum bejniethom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------